# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 53/K8/18**

Data tal-laqgħa: 07 ta' Dicembru 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (0)**

Dott. Albert Buttigieg – Viċi-Sindku (Inc. 8699/18)
Clayton Tanti Gregoraci – Kunsillier (Inc. 8698/18)
Edgar Montanaro – Kunsillier (Inc. 8624/18)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

53.1.01 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg, il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy u l-Kunsillier Edgar Montanaro talbu li jiġu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**53.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

53.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 52/K8/18 għall-approvazzjoni.

53.2.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 52/K8/18.

53.2.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondaha fl-approvazzjoni ta' Minuti 52/K8/18.

53.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

53.2.05 Dwar il-monument ta' Ġuze Tanti, dan ser isir l-inawgurazzjoni tiegħu nhar il-Ħadd 30 ta' Diċembru 2018 filgħodu.

53.2.06 Il-Kunsillier Martin Sultana ressaq proposta sabiex isir monument ta' Dun Anton Sciberras, il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah. Din għandha titela' item fl-laqgħa li jmiss.

53.2.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li fir-rigward id-devoluzzjoni ta' l-art fi Triq Mikielangelo Borg, s'issa għadna qed nistennew risposta fuqha.

53.2.08 Tqajjem il-punt dwar il-car park tal-Knisja, fejn it-tarmac ser jibda jsir min-nhar it-Tnejn li ġej.

**53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

53.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn li għadda saret quddiesa għal-25 sena ċelebrazzjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn fiha ġew mfakra wkoll l-Kunsilliera li m'għandhomx magħna.

53.3.02 Strand Marine – dwar sea bins li ser isiru. Ser ikun hemm diskussjonijiet mal-Malta Tourism Authority.

53.3.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bankijiet u l-bins qed jinbidlu.

53.3.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li bankijiet fadal 8 dawn ser isiru. Il-Kunsilliera għandhom jibagħatu l-proposti tagħhom b'email dwar fejn jixtiequ li jsiru.

53.3.05 Is-Segretarju ressaq proposta dwar servizz ta' security guard fuq skeda għal Ġnien Spinola. Din l-iskema giet proposta li ser issir għat-tlett xhur li ġejjin, l-Malta Tourism Authority kienet offriet li tissusidja parti mill-ħlas ta' din l-iskema. Kien hemm qbil unanimu dwar l-proposta.

53.3.06 Il-Kunċert li ser issir b'kollaborazzjoni ma' Spinola ser isir fid-19 ta' Diċembru 2018.

53.3.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-għada tal-Milied mhux ser jinfetaħ l-Kunsill.

53.3.08 Tressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni tat-tender tas-servizz ta' Perit u Works Supervisor. Għal din it-tender ġiet sottomessa offerta waħda. Dik tal-Med Developers, Designers + Consultants Ltd. Wara diskussjoni kien hemm qbil li tiġi milqugħa l-offerta. Dwar it-tender tas-supervisor of works ma kienx hemm l-ebda offerta u għalhekk kien hemm qbil li dan it-tender jerġa jinfetaħ għal xahar ieħor.

53.3.09 Saret riferenza għat talba mingħand studenta sabiex isir *work art* madwar it-*telephone boxes*. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għaldaqstant ser tintbagħat ittra lill-GO.

53.3.10 Saret riferenza għall-approvazzjoni tal-appraisal tal-istaff. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-istaff kollhu jingħata 6% full performance bonus.

53.3.11 Is-Segretarju talab lill-Executive Officer Mrs. Marilyn Demanuele sabiex tibda tagħmel it-*teleworking*. Wara diskussjoni qasira il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

## 53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

53.4.01 Ma kienx hemm twegibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 53.5 Budget 2019

53.05.01 Is-Segretarju ressaq budget 2019 għall-approvazzjoni u ta spjegazzjoni tiegħu.

53.05.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Budget 2019.

53.05.03 Is-Sindku Guido Dalli ssekondaha fl-approvazzjoni tal-Budget 2019.

53.05.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**53.6 Talbiet żgħar;**

**53.6.01 Email mingħand is-Sur Jean Marc Montanaro dwar Legal notice 274 of 2017 – Deduction (Embellishment Project) Rules – Public Alleyway in St. George's Bay, St. Julian's (Inc. 7875/18)**

53.6.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Jean Marc Montanaro dwar Legal notice 274 of 2017 – Deduction (Embellishment Project) Rules – Public Alleyway in St. George's Bay. Permess ta' dan il-kuntratt ix-xogholijiet li saru minn din il-kumpanija private fuq emblishment ta' Trejqet San Gorg ser jgħaddi f'idejn il-Kunsill biex isir il-manutenzjoni tiegħu.

**53.6.02 Email mingħand is-Sur Mark Scerri dwar Paceville Pedestrian Zone (Inc. 8373/18)**

53.6.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Mark Scerri Simiana dwar Paceville Pedestrian Zone. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din terġa tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għaldaqstant għandna nistidnuhom għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**53.6.03 Email mingħand l-streetcom dwar multisits near new bus stop balluta (Inc. 8390/18)**

53.6.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-istreetcom dwar multisits near new bus stop balluta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser jikkunsidra din it-talba biex jara fejn jistgħu jeħlu.

**53.6.04 Email mingħand Mr. Danilo Crastolla dwar Call AMFI Call: Transnational Actions for integration of third-country nationals in the eu member states and supporting legal migration.**

53.6.04.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bl-email mingħand is-Sur Danilo Crastolla dwar Call AMFI Call: Transnational Actions for integration of third-country.

**53.6.05 Email mingħand is-Sinjura Maya Miljanic Brinkworth dwar Triq il-Baltiku (Inc. 8421/18)**

53.6.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Maya Miljanic Brinkworth dwar Triq il-Baltiku. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ser issir. Iċ-Ċermen ser ikellem lis-Sinjura Miljanic.

**53.6.05 Email mingħand Convenant of Mayors dwar new guidebook for Convenant signatories: How to develop your 2030 Action Plans (Inc. 8575/18)**

53.6.05.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand Convenant of Mayors dwar new guidebook for Convenant signatories: How to develop your 2030 Action Plans.

**53.6.06 Email mingħand JJ Miceli Demajio dwar UIP Potential Projects (Inc. 8009/18)**

53.6.06.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sur JJ Miceli Demajo dwar UIP Potential Projects. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa miegħu.

**53.6.07 Email mingħand is-Sur James Wightman dwar Main Street Traffic (Inc. 8039/18)**

53.6.07.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sur James Wightman dwar Main Street Traffic. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din terġa tiġi diskussa.

**53.6.08 Email mingħand is-Sinjura Marja Piccinino dwar NSS Open Day 2018 (Inc. 8530/18);**

53.6.08.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sinjura Marja Piccinino dwar NSS Open Day 2018. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser jintbagħatu r-ritratti mitluba.

**53.6.09 Email mingħand European Commission dwar Convenant of Mayors Investment Forum – Energy Efficiency Finance Market Place – 19-20 February 2019**

Saret riferenza għall-email mingħand l-European Commission dwar Convenant of Mayors Investment Forum -Energy Efficiency

Finance Market Place – 19-20 February 2019. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser jara is-Sindku.

**53.07 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

53.07.01 Ma kienx hemm minuti ta’ Paceville.

**53.08 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

53.08.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi ‘A’)

53.08.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

53.08.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

53.08.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**53.09 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets;**

53.09.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4565 sa 4584. (Ara Appendiċi ‘B’)

53.09.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**53.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

53.10.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 3 ta’ Jannar 2019 fl-4.30p.m.

53.10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 07 ta’ Diċembru 2018